# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 51/2002GT(GM)

**Joseph Vella (Ginger) Limited**

**vs**

**Emanuel Mercieca**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa minn negozju li ghandha fi Triq il-Mithna, Victoria, Ghawdex.**

**Illi l-konvenut xtara minghandha diversi konsenji ta' xibka tal-hadid.**

**Illi ghadu dovut mill-konvenuti s-somma ta' tlett mija u sitta u disghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm396.89).**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut qed jirrifjuta li jhallsu dan il-bilanc.**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 2001 u tal-ittra interpellatorja datata 2 ta' Novembru 2001."**

**Ra l-ammissjoni tat-talba mill-konvenut.**

**Ghaldaqstant, jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija u sitta u disghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm396.89) bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici**

**quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Novembru 2001 u tal-ittra ufficcjali ta' Dicembru 2001 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**